MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 901/2005

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekutiv 1355/05 mahrug fl-ewwel (1) ta' Settembru, 2005 fl-ismijiet:**

**Raymond Zammit u Silvana Zammit**

**vs**

**Carmelo sive Charles Bonello u Carmela sive Carmen Bonello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fit-28 ta' Settembru, 2005, minn Carmela sive Charles Bonello u Carmela sive Carmen Bonello li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

1. Nhar il-31 ta' Awissu, 2005, l-intimati, Raymond u Silvana konjugi Zammit intavolaw rikors fejn talbu lil din l-

Onorabbli Qorti joghgobha tohrog mandat ta' sekwestru esekuttiv kontra r-rikorrenti, Carmelo u Carmela konjugi Bonello, *in esekuzzjoni* ta' titolu esekuttiv allegament ottenut *"skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Spiteri Debono datat 21 ta' Lulju, 2000, liema kuntrat gie rez titolu esekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju, 2005, debitament notifikata"*, liema rikors kien milqugh minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Settembru, 2005;

2. Kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors *in kwistjoni*, l-konjugi Zammit ma jgawdu l-ebda titolu esekuttiv kontra l-konjugi Bonello u li talba taghhom ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv kienet wahda frivola, vessatorja u qarrieqa;

3. Il-kuntratt li abbazi tieghu l-intimati qeghdin jivvantaw titolu esekuttiv ma jissodisfax ir-rekwiziti mitluba mill-legislatur *ai termini* ta' l-Art. 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Lulju, 2005 giet kontestata permezz ta' rikors numru 700/2005 JRM ipprezentat mir-rikorrenti nhar it-tnejn (2) ta' Awissu, 2005, liema rikors huwa appuntat ghas-smiegh nhar l-ewwel (1) ta' Novembru, 2005 quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta u *in kwantu* vantata mill-intimati ghadha suggetta ghall-konsiderazzjoni gudizzjarja, ma tissusistix raguni valida fil-ligi li jiggustifika il-hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti;

4. Dak li pprospettaw jaghmlu l-intimati jikkostitwixxi abbuz ta' proceduri legali, *stante* li meta kienu koxxenti tal-fatt li t-titolu minnhom vantat kien qieghed jigi kontestat u l-mertu tal-kwistjoni kienet diga' quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta ghal konsiderazzjoni taghha, intavolaw rikors ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv, liema rikors kienu jafu li kien ser jigi ghal konsiderazzjoni ta' l-Imhallef sedenti, li ma kienx *a konoxxenza* tal-proceduri pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta. Kaz tipiku ta' *forum shopping* u fejn l-ghan principali ma kienx dak li wiehed jottjeni dak spettanti lilu bil-ligi izda purament li jivvessa l-kontroparti;

5. Minghajr pregudizzju ghal premess, il-kuntratt li abbazi tieghu l-intimati Zammit qeghdin jivvantaw titolu esekuttiv, jikkoncerna c-cifra ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) soma diversa minn dik ta' sitt elef disgha mija wiehed u sebghin liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm6,971.19), indikata bhala kreditu fir-rikors intavolat mill-istess konjugi Zammit ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv. *Multo magis* ghalhekk ghandu jirrizulta li l-kuntratt *in kwistjoni* mhuwiex dwar dejn cert, likwidu u dovut;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha ta' l-ewwel (1) ta' Settembru, 2005 u tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ippresentata mill-intimati li *in forza* taghha eccepew illi:

1. Ir-rikors tal-imsemmija Carmelo Bonello u Carmela Bonello ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom.

2. Huma l-istess konjugi Bonello li qeghdin jipprovaw ihawdu u jinqdew bi proceduri legali biex ma jonorawx l-obbligazzjonijiet taghhom. Huma jafu tajjeb li huma debituri lejn l-esponenti *in forza* ta' att pubbliku tal-21 ta' Lulju, 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Spiteri Debono. L-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju, 2005 mibghuta lill-konjugi Bonello u debitament notifikata, saret kif jitlob l-artikolu 256(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili biex ikunu jistghu jesegwixxu t-titolu ezekuttiv li diga' kellhom.

*3.* L-artikolu 253(b) jipprovdi li *"Huma titoli esekuttivi … il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta' Malta … meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt".*

L-artikolu 256 fis-subartikolu (1) jipprovdi ghall-esekuzzjoni ta' sentenzi. Is-subartikolu (2) tal-istess

artikolu jipprovdi li *"L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju"*.

4. L-esponenti prezentaw l-ittra ufficjali fejn talbu l-hlas tal-bilanc dovut skond il-kuntratt imsemmi kif ukoll l-imghaxijiet relattivi; b'hekk wara jumejn huma kienu intitolati jitolbu l-hrug ta' mandat ta' Sekwestru ezekuttiv.

5. Il-konjugi Bonello mhumiex korretti meta jipprovaw japplikaw l-artikolu 253(e) bil-*proviso* tieghu, billi dan japplika biss meta t-titolu ezekuttiv ikun gej minn kambjala jew *promissory note* u ma japplikax ghal dejn li jkun gej minn kuntratt pubbliku.  Ghalhekk l-istess konjugi Bonello qeghdin jipprovaw jizvijaw il-Qorti meta attakkaw l-ittra ufficjali permezz ta' rikors taht il-*proviso* tal-artikolu 253(e). Huma l-istess konjugi Bonello li qed jaghmlu *"abbuz ta' proceduri legali"*.  Altru minn *"forum shopping"*.

Huwa car li l-konjugi Bonello uzaw l-istratagemma tal-proceduri taht l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 sabiex jirbhu z-zmien u jkollhom ic-cans jirrangaw sabies flushom ma jkunux aktar sekwestrabbli.

6. Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti.  Bl-ispejjes kontra taghhom.

Rat l-atti tar-rikors numru 700/05/JRM pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza tinsab differita ghal-lum ghad-decisjoni;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Spiteri Debono tal-21 ta' Lulju, 2000, ir-rikorrenti hadu self minghand l-intimati s-somma ta' Lm20,000 li kellhom

jithallsu fi zmien 5 snin minn dak inhar tal-kuntratt. Ir-rikorrenti baqghu ma halsux is-somma kollha dovuta sa ma skadew il-5 snin, u b'ittra ufficcjali datata 20 ta' Lulju, 2005, ir-rikorrenti gew mitluba jhallsu l-bilanc ta' Lm6,971.19, *oltre* l-imghaxijiet legali. Peress li, *nonostante* n-notifika ta' din l-ittra ufficcjali, il-hlas baqa' ma sarx, l-intimati talbu l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekkuttiv (numru 1355/05) li gie akkordat.

Jirrizulta li, wara l-iffirmar tal-kuntratt tal-21 ta' Lulju, 2000, ir-rikorrenti debituri accettaw u iffirmaw kambjali ghall-istess ammont. Ir-rikorrenti debuturi qed jallegaw li l-ittra ufficcjali tal-20 ta' Lulju, 2005, hija nulla peress li skond l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'titolu esekuttiv jikkonsisti f'kambjali, l-ittra ufficcjali ghandha, taht piena ta' nullita', tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu li jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjala b'rikors li ghandu jsir fi zmien 20 jum min-notifika lilu tal-ittra ufficcjali.

Bhala fatt, jirrizulta li l-ittra ufficcjali tal-20 ta' Lulju, 2005, ma tikkontejniex din it-twissija. Id-debituri, ghalhekk, b'rikors li ressqu fit-2 ta' Awissu, 2005, (rikors numru 700/05) resqu talba ghal-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-imsemmija ittra ufficcjali; dan ir-rikors ghadu pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Ghalkemm din il-Qorti intalbet tissoprassjedi sakemm jigi deciz l-imsemmi rikors, ma jidhirlix li hu mehtieg li jsir dan, peress li l-materja hi wahda imqanqla f'dawn il-proceduri u l-effett tal-ittra ufficcjali, ghal-fini ta' dawn il-proceduri, jista' jigi determinat minn din il-Qorti.

It-talba tar-rikorrenti tinkwadra ruha u hija espressament imsejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti, fir-rigward, taghmel riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti fil-kawza "Pace vs Sultana", decisa fit-12 ta' Ottubru, 2005, fis-sens illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi difett jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha*

*tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li waslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kenitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju"*.

*Kwindi*, l-allegat *"difett fil-forma"* tal-ittra ufficcjali jista' u ghandu jigi misthareg fi procedura inizjata taht l-artikolu 283A.

F'dan il-kaz, il-Qorti ma tarax li l-ittra ufficcjali *in kwistjoni* hija difettuza jew nulla. Ir-rewkwizit li fl-ittra ufficcjali jkun hemm l-avviz kontemplat fil-*proviso* ghall-artikolu 253, japplika biss meta l-ittra ufficcjali tintbaghat *in ezekuzzjoni* ta' kambjali jew *promissory notes*. L-intimati kredituri, *pero'*, ma ressqux l-ittra ufficcjali *in esekuzzjoni* tal-kambjali, izda *in eskuzzjoni* tal-kuntratt tal-21 ta' Lulju, 2000. Hu veru li fl-ittra ufficcjali, jizdied li dan il-kreditu kien gie *"konfermat"* permezz ta' 21 kambjali, izda jidher car mid-dicitura uzata li l-kredituri mhumiex qed jezercitaw l-hekk imsejha l-azjoni kambjarja, azjoni li, f'certi cirkostanzi, hija awtonoma u indipendenti minn negozju guridiku li ta' lok ghal-hrug tal-istess kambjali. Il-bazi tal-kreditu pretiz huwa dikjarat li hu l-kuntratt pubbliku tal-21 ta' Lulju, 2000, u l-ittra ufficcjali mehtiega biex tirrendi

ezekuttiv dan il-kuntratt, mhux mehtiega li tkun okkumpanjata b'xi tiswija partikolari.

M'hemm xejn straordinarju li kreditur ikun igawdi minn zewg titoli ghall-istess kreditu, u darba li jkun hekk, il-kreditur jista' jghazel liema titolu tieghu jitlob l-ezekuzzjoni. Hekk kif kreditur mhux obbligat juzufruwixxi ruhu mill-garanziji kollha li jkollu ghad-disposizzjoni tieghu, hekk ukoll jista' jghazel kif u f'liema stadju jutiliza t-titoli li jkollu f'idejh. F'dan il-kaz, il-kredituri ressqu l-ittra ufficcjali *a bazi* tat-titolu rikonoxxut fl-artikolu 253(b) tal-indikat Kap. 12, u ghal dak it-titolu, l-ittra ufficcjali tal-20 ta' Lulju, 2005, hi konformi mar-rekwiziti tal-ligi.

Ir-rikorrenti debituri jallegaw ukoll li l-kuntratt tal-21 ta' Lulju, 2000, mhux titolu ezekuttiv, peress li l-kuntratt mhux *"dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq"*. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Il-kuntratt jispecifika car l-ammont ta' dejn, u l-ammont tal-kreditu (rizultanti minn self) hu cert, likwidu u dovut, peress li skadew il-5 snin koncessi lid-debituri ghal-hlas. Ma hux mehtieg li l-kuntratt ikun wiehed ta' kostituzzjoni ta' debitu biex ikollu n-natura ta' titolu ezekuttiv; la darba s-somma tad-dejn tirrizulta cara u certa, l-kuntratt igawdi minn dik il-kwalita'. Il-fatt li saru xi pagamenti akkont ma jtellfux min-natura tal-kuntratt. Il-kuntratt stess jikkontempla r-rifussjoni tad-dejn b'pagamenti mensili, u dawn il-hlasijiet ma jtellfux il-kuntratt milli jibqa' jitqies bhala titolu ezekuttiv.

Hu veru li, f'kaz ta' kuntratt ta' *overdraft*, gie deciz li l-kuntratt relattiv mhux titolu ezekuttiv (ara "Warrington noe vs Sciberras", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Lulju, 1985, u "Borg noe vs Fenech et noe", decisa minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2002), *pero'*, dan hu hekk peress li f'kuntratt ta' dan it-tip, id-dejn ma jkunx stabbilit; il-klient jinghata l-fakulta' li joverdrawja l-*account* tieghu sa certu limitu, izda ma jfissirx li hu awtomatikament isir debitur ta' dik is-somma. L-ammont tad-debitu jkun jiddependi mill-uzu li l-klient jaghmel ta' dak il-kont, u, ghalhekk, ikun hemm htiega ta' proceduri gudizzjarji biex l-istess jigi determinat. F'kaz ta' self, min-naha l-ohra, is-somma tad-debitu hi determinata fil-

kuntratt, u d-debitur isir debitur tas-somma indikata mal-iffirmar tal-kuntratt. Darba li jkun skada t-terminu koncess ghall-hlas, il-kreditu jitqies li *"ghalaq"*, u l-hlas ta' kull somma bilancjali tista' tintalab bil-procedura uzata mill-kreditur f'dan il-kaz (aktar u aktar meta d-debituri mhux qed jallegaw li ghamlu xi pagamenti ohra li ma gewx ikkunsidrati mill-kredituri u mhumiex qed jilmentaw mill-imghaxijiet mitluba – ara "Lombard Bank Malta plc vs Eurimpex Ltd noe", decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2004).

*Kwindi*, it-talbiet tar-rikorrenti debituri ma jimmeritawx li jkunu akkolti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------